



L-evoluzzjoni tad-differenza bejn is-sessi fl-impjegi, il-pagi u l-pensjonijiet fl-UE



Sors: L-Eurostat.

Il-grafika turi progress fit-tnaqqis tad-differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, kif ukoll fiż-żieda tar-rati ta' impjieg kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa fl-UE matul l-aħħar ħames snin. Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 thedded li tregg'a lura l-progress lejn l-eliminazzjoni ta' dawn id-distakki bejn is-sessi.

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017) u d-Dikjarazzjoni ta' Porto (2021)

L-ugwaljanza bejn is-sessi hija wieħed mill-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali maqbul mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, fil-preżenza tas-sħab soċjali, fis-Summit Soċjali Ewropew li sar f'Gothenburg fl-2017.

Fit-8 ta' Mejju 2021, wara s-Summit Soċjali ta' Porto, il-Kunsill Ewropew adotta d-Dikjarazzjoni ta' Porto, li fiha impenja lill-UE biex "taħdem b'mod attiv biex tnaqqas id-disparitajiet bejn is-sessi fl-impjegi, fil-pagi u fil-pensjonijiet".